MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 386/2008

**Il-Pulizija
(Spt. N. Ciappara)
Vs
Massimo Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-22 ta' Settembru 1998 u l-ahhar tliet xhur qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer

1. forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta), lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga w

minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija w mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija w mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga w dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati w bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina w kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tar-Raba' w s-Sitt Taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d- droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill- President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu w naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati w bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Dicembru, 2008, li biha, wara li rat ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939 kif ukoll it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u 22(1B) tal-Kap. 101, sabet lill-appellant hati taz-zewg imputazzjonijiet b'parti biss mit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel wahda w dan fejn jirrigwarda l-pussess ta' eroina f'cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Il-bqija tat-tieni imputazzjoni – dwar il-pussess aggravat tal-kokaina – din mhix assorbita, w ikkundannatu ghal piena ta' tmintax-il xahar prigunerija w

ghall-hlas ta’ multa ta’ €900, liema multa tista’ tithallas b’rati ta’ €50 kull xahar bl-ewwel hlas isir fi zmien erba’ gimghat. Jekk l-appellant ma jhallasx xi parti minn din il-multa, din tinbidel f’jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux.
Il-Qorti ma applikatx l-artikolu 533 ghaliex din l-inkjesta saret qabel is-16 ta’ Jannar, 2006. Ordnat li jittiehed ritratt lid-droga w imbaghad din tkun distrutta taht is-sorveljanza tar-registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta’ Dicembru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-pussess semplici tad-droga kokaina, tirrevokaha f’dik il-parti fejn sabet li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv, kif ukoll tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta’ l-ewwel imputazzjoni w minflok tilliberah minnha, kif ukoll tirriforma s-sentenza appellata in kwantu ghall-piena mposta, billi minflok tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghall-fatti speci tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioie' :- li l-Ewwel Qorti ma setghet qatt issibu hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu a bazi tal-provi prodotti quddiemha w ghalhekk ghamlet apprezzament hazin tal-provi. Dwar l-ewwel akkuza, il-fatt li George Bonello nqabad bl-eroina, ma jfissirx li kien ghaddihielu l-appellant. Hadd mill-Pulizija ma xehed li ra skambju bejn dawn it-tnejn. Fid-depozizzjoni tieghu, George Bonello imkien ma semma li kien xtara id-droga eroina minnghand l-appellant. U ghalkemm stqarr li gieli akkwista d-droga minnghand il-persuna li huwa indika fir-ritratt numru 33, m'hemmx indikat b' mod car, integru w inekwivoku x' tip ta' droga kienet involuta. Id-droga li nstabet fuq Bonello kienet eroina mentri d-droga li nstabet fil-vicinanzi tal-appellant kienet kokaina. Ma nstabet ebda traccja tad-droga eroina fuq il-persuna ta', jew ghand l-appellant. L-

intenzjoni specifika ta' traffikar ukoll ma gietx pruvata. L-intenzjoni specifika li tigi traffikata tip ta' droga partikolari hija necessarja. Il-prosekuzzjoni sejset il-kaz taghha esklussivament fuq ix-xiehda ta' George Bonello li ghalkemm ta xi dettalji fl-istqarrija tieghu, sussegwentement guramentata quddiem Magistrat, u gharaf lill-appellant minn fuq ritratti,u ghalkemm xhud wiehed, jekk emmnut, hu bizzejjed biex jaghmel prova shiha, wiehed irid joqghod ferm attent meta x-xhud ikun tossikodipendenti maghruf bhal ma hu Bonello. Ix-xiehda ta' Bonello mhux attendibbli. Lanqas ma hu konsistenti ghax meta xehed disa' snin wara, ma kkonferma xejn mill-istqarrija originali tieghu hlief l-firma tieghu. Sostna li ma baqa' jiftakar xejn wara disa' snin meta gie biex jixhed f' din il-kawza. Qal li lanqas biss kien qed jagharaf lill-appellant. Ghalhekk il-prova tal-istqarrija ta' Bonello ma kellhiex titqies bhala ammissibbli ghax ma setghetx tigi kontrollata mid-difiza tal-appellant dak iz-zmien. Illi inoltre l-Ewwel Qorti ikkomputat piena li ma tirriflettix l-akkuzi kif dedotti kontra l-appellant ghax qalet li l-appellant kien akkuzat b' pussess aggravat ta' kokaina  w li dan ma setax jigi assorbit fl-ewwel imputazzjoni, mentri hu kien akkuzat biss b' pussess semplici ta' kokaina w eroina. Inoltre, t-trapass taz-zmien ghandu iservi bhala attenwanti ghax l-appellant tressaq quddiem il-Qorti fl-20 ta' Gunju, 2002, cioe' erba' snin wara l-allegati reati w gie misjub hati w sentenzjat madwar sitt snin ohra wara.  Dad-dewmien ma kienx attribwibbli ghall-appellant u George Bonello, l-uniku xhud, ittella' jixhed disa snin wara l-allegat kommissjoni tar-reati.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal tad-29 ta' Jannar, 2009, li bih Dr. Marion Camilleri ghall-appellant, irtirat l-aggravju dwar li l-appellant instab hati ta' akkuza li ma kellux fit-tieni imputazzjoni w dana billi fl-akkuza originali, a fol. 2 tal-process, dan l-aggravanti kien inkluz.

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell hu marbut mall-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f’dan is-sens “*inter alia*” l-Appell Kriminali : “**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.”** [12.5.94; “**ir-Repubblika ta’ Malta vs. George Azzopardi** “ [14.2.1989]; “**il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace”** [31.5.1991] ; **“Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**” [31.5.1991] u ohrajn .)

“Illi appropositu ta’ dan, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza “R. v. Cooper” ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*“assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury’s verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be*

*quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

Ghalhekk din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti, fuq l-provi ammissibbli li kellha quddiemha, setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant.

Il-fatti li jemergu mill-provi traskritti jistghu jigu sintetizzati kif gej:- Waqt li l-Pulizija tad-Drug Squad kienu qed jaghmlu xi osservazzjonijiet fejn il-Magic Kiosk fil-Ferries f' tas-Sliema fit-22 ta' Settembru, 1989, huma marru fuq certu George Bonello li kien maghruf mal-Pulizija in konnessjoni mad-droga u waqqfuh. Dan rema' hames pakketti li fihom kien hemm trab li l-Pulizija ssusspettaw li kien droga. Elevawhom w arrestaw lil Bonello.

Sadattant Pulizija ohra w cioe' PS 579 Antoine Micallef, PS 536 Jason Caruana, PC 349 John Farrugia w PC 123 Saviour Galea segwew karozza Subaru hamra mix-Xatt ta' tas-Sliema sad-dahla fil-foss li jaghti ghall-Lascaris, taht is-swar tal-Belt Valletta w hemmhekk sabu lill-appellant taht sigra w vicin tieghu sabu vazett tal-ikel tal-babies go bicca minn *flushing* imkisser. Dal-vazett go fih kellu borza tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm trab abjad li huma ssuspettaw li kienet droga. Fil-karozza tal-kiri hamra Subaru, EAK 114, li kien qed isuq l-appellant, il-Pulizija kienet sabet zewg vazetti simili w kuccarina. Fuq l-appellant instabu LM123 u mobile phone li gew elevati.

Waqt li kien qed jigi interrogat mill-Ispettur Norbert Ciappara, George Bonello stqarr li dak in-nhar stess ghall-habta tas-1.30 pm hu kien mar fejn il-Magic Kiosk sabiex jiltaqa' ma wiehed sabiex jixtri d-droga eroina. Kien cempillu ghall-habta tas-1.15 pm fuq il-mobile phone tieghu 0949 2373. Dan il-persuna kien qallu sabiex jiltaqa' mieghu hdejn il-Magic Kiosk ta' The Strand, Sliema. Hu ghamel hekk u dan gie fejn kienu ftehmu. Meta mar fuqu, talbu hames pakketti w dan gabhom minn stocc ahmar. Kien qal ukoll li ghal din id-droga kien hallas LM50, b' ghaxar (10) karti ta' LM5 kull wahda. Din ma kienetx l-

ewwel darba li xtara droga minnghand din il-persuna. Kien ilu jixtri minghandha xi hmistax il-gurnata w l-ahhar li kien xtara kien xi tlitt ijiem qabel.

Dawn li l-hames pakketti hu kien xtrahom minnghand persuna li hu iddeskriva bhala *"qasir, xaghru kannella, imqaxxra minn isfel u nahseb li m'ghandux aktar minn tmintax il-sena"* u li jekk jarah kien jagharfu. Fil-fatt fl-istess stqarrija kien umbaghad gharaf lill-appellant minn ritratt tal-appellant (numru 33) lilu muri mill-Pulizija w li hu dak il-hin ffirma. Qal ukoll li din il-persuna kienet qed issuq karozza ta' ghamla zghira ta' kulur ahmar. Darba minnhom kien gie ma tfajla jisimha Alison kunjomha ma jafux. (Din kienet ko-akkuzata mal-appellant quddiem l-Ewwel Qorti.) Din l-istqarrija dettaljatissima li giet ukoll guramentata quddiem il-Magistrat Scerri Herrera, minn George Bonello, wasslet ghall-arrest tal-appellant u l-proceduri odjerni.

Pero', meta gie biex jixhed fil-kontro-ezami, dan George Bonello, ghalkemm gharaf il-firma tieghu fuq l-istqarrija, beda jghid li ma jiftakar xejn ghax ghaddew disa' snin u lanqas gharaf lill-appellant fl-awla ghalkemm qal: *"Imbidel hafna."* Dan gab id-domanda spontanja w logika tal-Ewwel Qorti : *"Imma l-fatt li nbidel qed tgharfu?"* . (Dan ghax ma tistax tghid li bniedem ikun imbidel jekk ma tkunx tafu qabel.) Hawn ix-xhud *wiegeb "Le fil-konfront tar-ritratt."* (Fol. 94)

Meta gie interrogat, l-appellant ma kien irrisponda ghall-ebda domanda.(fol. 17 sa 19 - Dok. NC1) Hu ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti.

Mir-relazzjoni tal-espert tal-Qorti l-Ispizjar Mario Mifsud irrizulta li l-hames qratas elevati minn mal-art taht George Bonello kontenenti trab lewn kannella kellhom bejnithom total ta' 0.567 grammi ta' eroina w li kien hemm ukoll 21 gramma kokaina li kienu f' borza tal-plastic li nstabet fil-vazett hdejn l-appellant. Fiz-zewg vazetti w fil-kuccarina elevati mill-karozza tal-appellant ma nstabux sustanzi llegali.

Ikkonsidrat;

Issa, skond l-artikolu 638 (2) tal-Kodici Kriminali, f' kull kaz, ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha w kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. L-artikolu 637 umbaghad jiddisponi li f' kwistjonijiet li jolqtu il-kredibilita' ta' xhud, ghandu jittiehed qies tal-imgieba, kondotta w karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa, jew hix konsistenti w ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, jekk dik ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra w tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Gie umbaghad ritenut li mhux kull konflitt fil-provi jwassal necessarjament ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata imma l-gudikant irid jara lil min ser jemmen u f' hix ser jemmnu w ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-artikolu 637 appena imsemmija. (ara App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Thorne"** [9.7.2003] u ohrajn.)

Inoltre, skond l-artikolu 30 tal-ligi specjali li tirregola l-materja ta' traffikar tad-droga eroina (Kap. 101), meta persuna tkun xtrat jew xorta ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza, x-xiehda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medcina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b' cirkostanzi ohra.

Umbaghad skond l-artikolu 30A tal-Kap. 101, minkejja d-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali, meta xi persuna tkun involuta f' xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna w li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat, tista' tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b' reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b' theddid jew biza', jew b' weghdiet jew twebbil ta' vantaggi.

Illi din id-dispozizzjoni li ddahhlet ghall-ewwel darba fl-Ordinanza Kap. 101 bl-Att XI tal-1994, kellha proprju l-ghan li tovvja ghal sitwazzjonijiet bhal dawn fejn xhieda,

ghall-motivi varji li jista' jkollhom, ibiddlu l-versjoni taghhom bejn l-stqarriijet li jkunu ghamlu "*a tempo vergine*" u x-xiehda taghhom sussegwenti, meta jigu prodotti bhala xhieda fil-processi kontra *s-suppliers* tad-droga. X' ikunu dawn il-motivi wiehed ma jridx jithabat wisq biex jifhem.

Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha kull dritt bil-ligi li tistrieh fuq l-istqarrija guramentata ta' George Bonello rilaxxjata dak in-nhar stess li gew arrestati hu w l-appellant u li kienet ukoll libera skond il-ligi li tiskarta il-mod evaziv u anki konfuzjonarju li George Bonello ghazel li jixhed bih meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti disa' snin wara. Apparti li Bonello dak in-nhar tal-istqarrija tieghu kien, bla ezitazzjoni, gharaf lill-appellant minn fost ir-ritratti murija lilu mill-Pulizija, kien ta diversi dettalji dwaru, bhall-karozza zghira hamra li kien biha l-appellant, li proprju segwewh fiha l-Pulizija minn tas-Sliema sal-Belt, id-deskrizzjoni tal-appellant, il-fatt li kien ikun ma wahda jisimha Alison u dettalji ohrajn li kollha jippuntaw f' direzzjoni wahda. Ghalhekk ghalkemm ma hix rikjesta korroborazzjoni b' cirkostanzi ohra skond l-artikolu 30, f' dan il-kaz l-istqarrija guramentata kienet hekk korroborata wkoll.

Ikkonsidrat;

Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza motivata taghha spjegat fid-dettall ghala kienet qed temmen l-istqarrija guramentata ta' George Bonello w din il-Qorti ma tarax ghala ghandha tiddisturba dan l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti li naturalment iwassal biex tirrizulta pruvata l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellant.

Illi meta din il-Qorti fliet il-provi kollha rat li ma hemmx raguni ghala ghandha tiddipartixxi mill-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti ghax dan l-apprezzament setgha jsir b' mod legali w ragjonevoli minnha w ma jistax jitqies bhala wiehed *"unsafe and unsatisfactory"* fic-cirkostanzi.

Konsegwentement l-aggravji dwar il-mertu qed jigu respinti bhala infondati.

Illi l-appellant irtira l-aggravju tieghu dwar it-tieni imputazzjoni in kwantu l-pussess aggravat tal-kokajina ma setax jigi assorbit fl-ewwel imputazzjoni, kif seta' altrimenti jsir u sar fis-sentenza appellata fir-rigward tat-tieni imputazzjoni in kwantu dik il-parti li tirrigwarda l-pussess aggravat tal-eroina.

Ghar-rigward tal-ahhar aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu dejjem li din il-Qorti ma tiddistrubax id-diskrezzjoni fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti sakemm din ma tkunx tohrog mill-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament wahda eccessiva.

Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri) : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler"** [26.2.2009] :-

*"Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena, S' intendi, 'sentencing is an art rather than a science' u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita' perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma iehor, jew ta' piena erogata f' kaz ma dik erogata f' kaz iehor."* (Ara wkoll **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard"** [20.3.2009] App. Krim. Superjuri)"

Illi l-piena ghar-reat ta' traffikar ta' eroina mertu tal-ewwel imputazzjoni, meta l-kaz jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati, hija wahda mandatorja ta' prigunerija ta' mhux inqas minn sitt xhur u mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn Ewro 465.87c izda mhux izjed minn Ewro 11,646.87c. L-istess japplika ghar-reat ta' pussess tad-droga kokaina f' cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-appellant, kontemplat fit-tieni

parti tat-tieni imputazzjoni. Ghalhekk bl-applikazzjoni tar-regoli kontenuti fl-artikolu 17 (b) tal-Kodici Kriminali, l-appellant kien sahansitra passibbli ghall-piena massima ta' hmistax il-sena prigunerija oltre l-multa mandatorja. Ghalhekk zgur li l-piena ta' prigunerija erogata ma kienetx teccedi l-parametri tal-ligi w kienet ferm aktar vicin il-minimum ta' tmin xhur prigunerija milli lejn il-massmu.

Illi l-appellant lanqas ma jista' jigbed xi konkluzzjoni posittiva minn xi riferenza ghall-fedina penali tieghu li hi certament wahda refrattarja.

Illi mbaghad ghar-rigward tal-argument tat-trapass taz-zmien hu minnu li din il-kawza bi ftit xhieda hadet zmien eccessiv biex tigi deciza, imma hafna minn dan iz-zmien inhela fl-ewwel ghaxar appuntamenti ghax  kien hemm diffikulta' biex l-appellant jigi rintraccjat biex jigi notifikat bic-citazzjoni w f' diversi differimenti sussegwenti ghax l-appellant, minkejja li kien notifikat, ma deherx. Hu minnu li xi differimenti ohra nghataw ghal raguni attribwibbli ghall-ko-akkuzata jew id-difensuri taghha, jew fuq talba tal-prosekuzzjoni jew b' ordni tal-Qorti.

Din il-Qorti ma tistax ma tergax tesprimi t-thassib serju taghha kif kawzi bhal dawn qed jithallew ikarkru ghal snin shah bla ebda razan jew kontroll ta' xejn qieshom il-kawzi kriminali qed jigu konsidrati *"sub specie aeternitatis".*

B' dana kollu,  kif gje ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Nicola Farrugia et."** [2.10.2002], il-fattur tat-trapass taz-zmien  ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta' kriminali tal-hati (ara . "**Ir-Republika ta' Malta  vs. Joseph Attard"** [24.7.2000] u **"Ir-Republika ta' Malta vs. Joseph Attard u Angelo Attard"** [24.7.2000]  ).  Jista' pero ', f'xi kazi, jigi konsidrat ghall-fini tal-piena w,  kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta  fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi"** [29.1.2001] ghalkemm f'din l-ahhar sentenza l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti biex varjat il-piena  ma kienux limitati biss  ghal dik tat-trapass taz-zmien  imma kienu ukoll bazati fuq motivazzjoni ohra. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti  t-trapass taz-zmien  jista' jagevola lill-persuna

akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma. L-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun *in toto* jew in parti kagunat jew provokat minnu stess u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra.

Fil-kaz in ezami, kif irrizulta, parti sostanzjali mid-dewmien fil-process kien attribwibbli jew ghall-fatt li l-appellant ma setax jinstab jew ghax naqas li jattendi ghall-udjenzi. Barra minn hekk mill-kommissjoni tad-delitti fil-1998 sal-lum, kif jirrizulta mill-fedina penali aggornata tieghu, l-appellant mhux talli ma zammx il-boghod mill-ksur serju tal-ligijiet, izda sahansitra gie kundannat seba' (7) darbiet ghal reati bhal ma huma insolentar u heddid lil membri tal-korp tal-Pulizija, danni volontarji fuq vetturi, incendju doluz ta' bini, danni volontarji fil-faccata ta' bini, pussess ta' droga eroina f' cirkostanzi tali li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu, uzu minn apparat ta' telekomunikazzjoni ghal xi ghan li ma kienx provvdut ghalih, hebb ghal ommu, hedded lill-ommu w lil missieru, attakk u rezistenza fuq il-pulizija, ksur divers tal-ordni pubbliku bi glied u ghajjat, serq aggravat ta' flus, hsara volontarja, ricettazzjoni, tentattiv ta' serq aggravat u hsarat volontarji, apparti numru ta' reati konnessi mat-traffiku w sewqan bla assikurazzjoni.

Inoltre ghalkemm irrizulta li ghall-habta tas-sena 2007, kien beda programm biex johrog mill-vizzju tad-droga, spicca wkoll tkecca minn dan il-programm.

Ghalhekk din il-Qorti ma tara ebda raguni ghal xi temperament fil-piena li diga' hija wahda miti ferm fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud w s-sentenza konfermnata fl-intier taghha, b' dan li t-terminu ghall-hlas tal-multa erogata koncess mill-Ewwel Qorti ghandu pero' jigi varjat b' dan li l-ewwel pagament ta' hamsin Ewro (€50) ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li

fiha l-appellant jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b' din is-sentenza konfermata u, ghall-dan il-fini, r-Registratur ghandu jivverifika ma' l-awtoritajiet karcerarji din id-data.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------